**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 01 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Kostituzzjoanli Nru: 32/2016 AF**

**Paul Sammut**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Paul Sammut, li permezz tieghu wara li ġie premess illi:

Mis-sena 1988 sas-sena 2000, l-esponenti kien Pulizija fil-grad ta' Kuntistabbli.

Fl-4 ta' Mejju 1991 harget tahrika fil-konfront tieghu fuq akkuzi ta' serq.

Fit-12 ta' Gunju 1991 l-esponent tressaq ghall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1992 l-esponent ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tieghu tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati stess, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Fis-7 ta' Ottubru 1994 l-esponent ghalaq il-provi tieghu.

Fl-24 ta' April 1995 il-prosekuzzjoni ghamlet talba sabiex terga' tressaq ix-xhieda, avolja kienet ilha li ghalqet il-provi mill-14 ta' Mejju 1992; u l-kawza giet differita ghal digriet jew sentenza fuq din it-talba.

Minn dik il-gurnata 'l quddiem, is-seduti baqghu differiti, jew ghaliex id-digriet ma kienx ghadu lest, jew ghaliex il-Qorti riedet iktar zmien ghad-digriet, u gieli minghajr ebda raguni u sempliciment fuq ordni tal-Qorti.

Fil-fatt il-provvediment ma nghatax mill-Magistrat originali ghaliex dan kien inbidel.  Meta nbidel il-Magistrat, il-partijiet kollha talbu li jittrattaw it-talba qabel ma jinghata digriet u fl-14 ta' Gunju 2013, giet iffissata data ghal tali trattazzjoni.

It-trattazzjoni ta' din it-talba saret fil-11 ta' Lulju 2013 u d-digriet fuq it-talba tal-prosekuzzjoni nghata fis-27 ta' Novembru 2013.

Finalment, fid-29 ta' Frar 2014, il-kawza giet differita ghas-sentenza li nghatat fis-6 ta' Frar 2015 fejn l-esponent gie liberat minn kull akkuza.

B'hekk il-kawza fil-konfront tal-esponent damet 23 sena, 9 xhur u jumejn.

It-trapass ta' zmien minghajr ma jsir xejn fil-kawza specjalment meta, matul dawn is-snin kollha, l-esponent kien innocenti, mhuwiex gustifikabbli.

L-esponent sofra hafna konsegwenzi minhabba d-dewmien ta' din il-kawza, fost ohrajn tilef ix-xoghol u minhabba l-kawza

pendenti, ma setax isib xoghol iehor. Dan irrizulta f'problemi finanzjarji ghall-esponent, tant illi lanqas biss kellu flus sabiex jghajjex il-mara u zewgt'itfal li kellhom, sakemm minhabba f'hekk u l-istress li din tefat fuq iz-zwieg taghhom, il-mara telqitu.

L-esponent hass ruhu profondament aggravat b'li gralu minghajr ebda tort jew htija fuqu nnifsu u b'hekk hass illi kellu jipprocedi b'din il-kawza biex jigi kkompensat ghall-vjolazzjoni gravissima tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli hekk kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea hekk kif trasposta fil-Ligi Maltija permezz ta' Kapitolu 319.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li d-dritt tal-esponent ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli hekk kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea gie vjolat bid-dewmien tal-kawza kriminali fil-konfront tieghu ta' 23 sena, 9 xhur u jumejn.

2. Tillikwida ammont ta' danni sostanzjali bizzejjed sabiex ikopri l-hsara li ser tigi ppruvata fl-andament ta' din il-kawza.

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma hekk likwidata.

4. Taghti kull rimedju, provvediment, ordni jew direttiva ohra li jidhrilha li huwa xieraq u opportun inkluz kull haga li tista' tpoggi lill-esponent fis-*status quo* ante tal-vjolazzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin.

Huwa paċifiku li d-dritt għal smiegħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li

prinċipalment għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli huwa l-komplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorità ġudizzjarja.

Mill-inkartament tal-proċeduri kriminali bin-numru 211/1991 fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs Emanuel Pace (ID 99585(M)) Paul Sammut (ID 554358)***' deċiż mill-Onor. Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Frar, 2015 jirriżulta li fit-12 ta' Ġunju 1991 l-imputat u rikorrent odjern tressaq akkużat ma' persuni oħra (Lawrence Theuma u Emanuel Pace) talli kkommetta serq ta' *toys* li l-valur tagħhom kien jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000), li xjentement laqa' għandu jew xtara l-imsemmija *toys*, li kienu misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat. F'dik l-udjenza xehdu l-Ispettur Emanuel Cassar, Dominic Attard, PS 81 Carmel Gauci u Robert Abela. Sussegwentement xehdu wkoll John Mamo (dan xehed diversi drabi), reġa' xehed l-Ispettur Emanuel Cassar, John Borg (dan xehed diversi drabi), Carmelo Debono u l-Ispettur John Rizzo. Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Settembru 1991, Lawrence Theuma ġie liberat filwaqt li dik l-Onorabbli Qorti sabet li hemm raġunijiet biżżejjed biex jitqegħdu taħt att t'akkuża Paul Sammut u Emanuel Pace. Minn hemm kompla l-ġbir tal-provi u reġa' xehed John Borg diversi drabi peress li kien hemm inkonsistenza fix-xhieda tiegħu. Xehdu wkoll Lawrence Theuma, l-Ispettur John Mifsud u s-Supretendent Joseph Azzopardi. Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 1992 inqraw l-Artikoli fil-preżenza tal-imputati. Paul Sammut, ir-rikorrent odjern, iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat mill-istess Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, madanakollu l-imputat l-ieħor Emanuel Pace talab aktar żmien sabiex jirregola ruħu. Effettivament, fl-udjenza tal-20 ta' Lulju 1992 anke Pace iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' mill-istess Qorti. Sussegwentement xehdu l-imputat Paul Sammut darbtejn, xehed Patrick Falzon PC 541, it-tabib George Buttigieg, Walter Pace u Francis Compagno. Fis-6 ta' Ottubru 1993 Sammut iddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi però l-imputat l-ieħor insista fuq il-kontro-eżami ta' Robert Abela li eventwalment xehed fs-16 ta' Frar 1994. Fid-29 ta' April 1994 il-Qorti ġiet infurmata mill-avukat tal-imputat Sammut li avolja ddikjara li ma fadallux provi, sar jaf b'xhud ieħor li jista' jkun ta' rilevanza. Wara li ġie mħarrek

u ddepona Joseph Farrugia, id-difiża ta' Paul Sammut ddikjarat li ma fadliliex aktar provi. Il-każ baqa' għalhekk differit għall-provi ta' Emanuel Pace. Jingħad ukoll li fil-frattemp intalbu xi differimenti mill-imputati, daqqa għaliex l-avukati kienu impenjati f'xogħol ieħor jew msiefra jew minħabba mard. Fl-udjenza tal-24 ta' April 1995 xehdu mbagħad Emanuel Pace u martu Ruth Pace. Wara li xehedu l-akkużat Pace u martu, il-prosekuzzjoni talbet li ġġib rappreżentant taż-żewġ ħwienet Matthews u Marks imsemmija fix-xhieda tal-konjuġi Pace sabiex jindikaw lill-Qorti jekk fi żmien in kwistjoni kelhomx oġġetti bħal dawk in eżami. Id-difiża opponiet u u l-każ baqa' differit għad-digriet fuq din it-talba u għall-kontinwazzjoni tal-provi tad-difiża. Il-każ baqa' jiġi differit għal dan il-għan sas-sena elfejn u tlettax (2013) madanakollu, mill-atti proċesswali, ma jirriżultax li r-rikorrent odjern qatt ivverbalizza xi oġġezzjoni jew ilmenta jew intavola xi rikors sabiex joġġezzjona għal tali differimenti. Fl-14 ta' Ġunju 2013 imbgħad il-Qorti tal-Maġistrati diversament presjeduta ġiet infurmata minn Pace li ma kellux flus għal avukat u ħatret avukat tal-għajnuna legali jassistih. F'dik l-udjenza l-partijiet iddikjaraw li jeżentaw l-Qorti milli terġa' tisma l-provi diġà mismugħa u talbu żmien biex jippreparaw trattazzjoni dwar it-talba sollevata mill-prosekuzzjoni fis-seduta tat-24 ta' Mejju 1995 sabiex jinstemgħu xhieda ġodda. Fil-11 ta' Lulju 2013 l-avukat ta' Sammut iddikjara li kien ser jippatroċinja wkoll lill-imputat l-ieħor Pace u għalhekk l-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-avukat tal-għajnuna legali. Saret ukoll it-trattazzjoni kif miftiehem. Fis-27 ta' Novembru 2013 dehru l-imputati assistiti u l-uffiċjal prosekutur u ngħata digriet permezz ta' liema l-Qorti ċaħdet it-talba tal-prosekuzzjoni biex ittella' xhieda oħra f'dak l-istadju u ordnat il-prosegwiment tal-provi tad-difiża. Fid-19 ta' Frar 2014 id-difiża f'isem Emanuel Pace ddikjarat iżda li m'għandiex aktar provi xi tressaq. Il-Qorti semgħet għalhekk it-trattazjoni u l-każ baqa' differit għas-sentenza li ngħatat fis-6 ta' Frar 2015.

Jirriżulta għalhekk li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġjonevoli kif allegat mir-rikorrenti u dan speċjalment iżda mhux biss tenut kont il-kumplessità tal-każ, in-numru ta' xhieda u l-fatt li każ tar-rikorrent kien qieghed jinstema' flimkien mal-każ ta' ko-akkużat ieħor b'dan illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li ġie leż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien

raġonevoli a tenur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli, mill-atti huwa manifest li r-rikorrent odjern kien akwijexxenti matul il-prosegwiment sħiħ tal-proċeduri kriminali surriferiti u qatt ma oġġezzjona jew ilmenta minn xi allegat preġudizzju li kien qed jikkawżalu l-allegat dewmien tal-proċeduri. Bir-rispett dovut, huwa għal kollox inawdit li mputat jibqa' għal kollox passiv matul il-proċeduri ġudizzjarji kontrih sabiex imbagħad, aktar minn sena wara li ġew deċiżi tali proċeduri jilmenta għall-ewwel darba li matul l-imsemmija proċeduri kriminali ġie leż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli u li l-allegat dewmien allegatament ikkawżalu danni sostanzjali.

F'kull każ u bla ħsara għall-fatt li l-proċeuri odjerni mhumiex ta' *culpa* akwiljana jew kawża għad-danni, *dato ma non concesso* kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrent irid iġib prova tajba tal-allegati konsegwenzi li allegatament ġarrab u li, kif allegat minnu, dawn kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri krimnali surriferiti.

Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* u biss għal grazzja tal-argument li nkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors promotur, allegazzjoni li l-esponent qiegħed jopponi, ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens pekunarju u/jew non-pekunarju ieħor kif mitlub mir-rikorrent in kwantu:

> L-iskop tad-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbilti *standards*; u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* huwa r-rimedju ewlieni;
>
> Dejjem mingħajr preġudizzju ma hemm lok għall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti. L-imputat kien mill-bidu nett assistit mill-avukat tal-għażla u tal-fiduċja tiegħu. Tenut kont li mill-verbali u mill-atti in ġenerali ma

jirriżultax li l-imputat qatt ilmenta minn dewmien fil-proċeduri jew b'xi mod allega ksur tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq, ir-rimedju mitlub minnu ċertament mhuwiex wieħed ġustifikat. Hu dmir tad-difiża li ma tibqax passiva u tieħu sehem attiv fejn tara li hemm dewmien li hija tirritjeni li mhuwiex ġustifikat billi tipprotesta u titlob li jingħata provvediment mill-qorti. M'għandux ikun li d-difiża toqgħod tistenna u wara t-trapass taż-żmien tippretendi kumpens.

Dejjem mingħajr preġudizzju, hija l-umli fehma ta' l-esponent li għalkemm din l-Onorabbli Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, inkuż jekk jidrilha xieraq u opportun kumpens monetarju, l-ebda danni materjali kif pretiż mir-rikorrent ma jistgħu jiġu likwidati f'din is-sede.

F'kull każ u dejjem bla ħsara għall-premess, ma hemm l-ebda lok għal kumpens pekunarju konsistenti f'danni kif allegat mir-rikorrent.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2016 ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Pace u Paul Sammut, deċiżi fis-6 ta' Frar 2015.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni minħabba dewmien sabiex ġew deċiżi finalment il-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Pace u Paul Sammut. Huwa qiegħed jitlob ukoll kumpens fl-għamla ta' danni reali u morali u kull rimedju ieħor xieraq skont il-każ.

Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-12 ta' Ġunju 1991 flimkien ma oħrajn akkużat talli kkommetta serq ta' ġugarelli li l-valur tagħhom kien jiskorri l-elf Lira Maltin (Lm1,000) u li xjentement laqa' għandu jew xtara l-imsemmija ġugarelli misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-każ ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali fis-6 ta' Frar 2015. Ir-rikorrent ġie misjub mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Minn din id-deċiżjoni ma sarx appell.

B'hekk jirriżulta li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ħadu mat-tlieta u għoxrin sena biex jiġu deċiżi finalment. Ir-rikorrent jikkontendi li t-trapass ta' tlieta u għoxrin sena jammonta għal dewmien irraġjonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ u li għal dan id-dewmien jaħti l-Istat. L-intimat Avukat Ġenerali jeċċepixxi li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġjonevoli tenut kont tan-natura u l-komplessita` tal-proċeduri in kwistjoni.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-*

*qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li jaqra hekk:

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

In linea ta' prinċipju ġenerali, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Avukat Generali, deċiża fis-27 ta' Mejju 2016:

*"Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien esagerat u irragjonevoli, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji principali ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropea, jigifieri il-komplessità tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case'."*

*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza recenti ta' din il-Qorti datata 1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet Anton Camilleri v. Avukat Generali, fejn inghad:*

*Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*

*Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties [see, in particular,*

*Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited].*

*".... The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited]."*

*Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.""*

L-istess Qorti fl-imsemmi kawża ta' Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, deċiża fl-1 ta' Frar 2016, kienet qalet hekk:

*"... hu meqjus li l-ħtiega ta' smigħ xieraq għeluq zmien ragonevoli fil-kaz ta' procedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand"; Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3.*

*Illi għalhekk il-ħtiega ta' smigħ xieraq fi zmien ragonevoli taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettività u l-kredibiltà tal-gustizzja; (b) il-ħtiega li l-persuna mixlija tingħata l-opportunità ta' difiza xierqa u effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence"; (c) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal zmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proceduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija."*

Finalment, fil-każ ta' Zakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali, tal-15 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

*"In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessità tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali.*

*Inoltre "l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]."*

*Ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tqis ic-*

*cirkostanzi kollha partikolari ghall-kaz, inkluz il-kumplessità tal-mertu kif ukoll l-imgieba tal-partijiet."*

It-test ta' dewmien raġjonevoli ma jiddentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina dak li jitqies raġjonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kienux raġjonevoli o meno.

Fid-dawl ta' dawn il-principji gurisprudenzjali, il-Qorti qieset l-iter proċesswali tal-każ Il-Pulizija vs Emanuel Pace u Paul Sammut minn fejn jirriżulta li fit-12 ta' Ġunju 1991 bdiet il-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent u żewġ akkużati oħra. F'Awwissu ta' dik is-sena l-prosekuzzjoni għalqet il-provi. Bejn dakinhar sal-14 ta' Mejju 1992 ma sar xejn għaliex l-AG kien qiegħed jitlob rinviju wara l-ieħor. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1992 ir-rikorrent iddikjara li ma kienx qiegħed joġġezzjona li l-kawża tiegħu tinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali. Il-ko-akkużat iddikjara l-istess ftit tal-ġranet wara.

Sena wara, inqraw l-artikoli fil-preżenza tal-imputati bil-konsegwenza li l-kawża bdiet tinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 1993, ir-rikorrent iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi. Il-ko-akkużat talab numru ta' differimenti għal diversi raġunijiet. Fis-seduta tad-29 ta' April 1994 ir-rikorrent talab lill-Qorti biex jipproduċi xhud ieħor. It-talba tiegħu ġiet milqugħa u dan ix-xhud iddepona. Fl-udjenza tal-24 ta' April 1995, wara li ddepona xhud imressaq mill-ko-akkużat Pace, il-prosekuzzjoni talbet li jixhdu rappreżentanti taż-żewġ ħwienet Matthews u Marks. Peress li d-difiża opponiet, il-Qorti ddiferiet il-kawża sabiex jingħata digriet dwar il-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda. Il-kawża baqgħet tiġi differita sabiex jingħata dan id-digriet sakemm inbidel il-Maġistrat sedenti fis-sena 2013.

Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2013, il-partijiet eżentaw lill-Qorti milli terġa tisma' l-provi li kienu ttellgħu quddiemha kif diversament persjeduta u talbu wkoll żmien sabiex jittrattaw it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex jipproduċu xhieda oħra. It-

trattazzjoni saret u d-digriet ingħata nhar is-27 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-prosekuzzjoni. Wara li l-ko-akkużat Pace iddikjara li ma kellux provi aktar, il-partijiet ittrattaw il-kawża fid-19 ta' Frar 2014 u s-sentenza finali ngħatat fis-6 ta' Frar 2015.

Tenut kont ta' dan kollu, mill-iter proċesswali jirriżulta li ftit kien hemm seduti fejn ma sar xejn sakemm kienet ġiet differita għad-digriet f'April tal-1995. L-istess jingħad dwar is-seduti li saru wara li ngħata d-digriet fl-2013. Madanakollu, huwa manifest li kien hemm dewmien mhux ġustifikat biex ingħalqu definittivament dawn il-proċeduri, prinċipalment minħabba t-trapass ta' mhux anqas minn tmien snin, li jsarfu f'kważi mitt differiment, sabiex ingħata digriet dwar punt legali pjuttost sempliċi u sadanittant, il-proċeduri kienu effettivament wieqfa.

Għalkemm huwa assodat in materja ta' dewmien għall-finijiet tal-artikolu 6 li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn tul ta' żmien jista' jitqies li huwa raġjonevoli, bħal meta l-każ ikun komplikat u jkun jeħtieġ investigazzjoni dettaljata u akkurata u kumpilazzjoni ta' ħafna xiehda, fil-każ tal-lum ma tressqet l-ebda prova li kien hemm din il-ħtieġa imma jirriżulta li ammont ta' ħin esaġerat inħela sempliċiment sakemm ingħata l-imsemmi digriet, liema digriet ingħata biss wara li rtira l-Maġistrat sedenti.

L-Avukat Ġenerali jargumenta li kien hemm akwijixxenza da parti tar-rikorrent li naqas milli joġġezzjona jew jilmenta dwar id-dewmien sabiex jingħalqu l-proċeduri. Din is-sottomissjonijiet hija waħda manifestament fiergħa u inġusta. Fis-sitwazzjoni li sab ruħu fiha r-rikorrent ma kienx hemm wisq x'jista' jagħmel fid-dawl tal-fatt li d-dewmien kien attribwit għal nuqqas min-naħa tal-awtorità ġudizzjarja.

Ġie kemm-il darba ritenut mill-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li kull stat huwa responsabbli li jiggarantixxi biżżejjed riżorsi lill-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex ikunu jistgħu joperaw mill-aktar mod effiċjenti. Fost dawn is-sentenzi wieħed isib is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Marzu 2018 fl-ismijiet Colin John Marland vs. The Attorney General, fejn intqal hekk:

> *"It is the State's duty to ensure that the judicial [process] can run its course without undue delay. The Constitutional Court has previously observed that the Maltese courts are burdened with a heavy case load which often serves as an obstacle to the speedy determination of cases. This Court agrees with the opinion expressed many times by this Court as otherwise composed and the Constitutional Court that there exists an inherent deficiency in the justice system because the public authorities are failing their duty [to] ensure that there are enough resources for the court to be able to perform its duties satisfactorily. In this regard, the Court makes reference to the teachings of the ECHR that: "…it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee to everyone the right to a final decision within a reasonable time in the determination of his civil rights and obligations." [Frydlender v. France, ECHR 30979/96 decided 27th June 2000)."*

Dan il-ħsieb ġie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tad-29 t'Ottubru 2018. Eżaminati l-atti tal-kawża fid-dawl tad-dritt fundamentali in diżamina u l-ġurisprudenza fir-rigward, il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi, għalkemm hemm diversi fatturi mhux fil-kontoll tal-ġudikant li jikkontribwixxu għal dewmien sabiex jiġu konklużi proċeduri, tqis illi xejn ma jikwalifika bħala żmien raġjonevoli li jiddekorru aktar minn tmien snin mill-jum li fih kawża tiġi differita għad-digriet sal-jum li fih t-talba tiġi dekretata, aktar u aktar meta, bħal fil-każ odjern, ma kien hemm l-ebda kumplessità legali.

Għalkemm il-Qorti mhijiex konvinta li kienu t-tul li ħadu l-proċeduri li wasslu għall-problemi psikoloġiċi tar-rikorrent, żgur illi dan it-tul eċċessiv ma kienx ta' ġid għall-istat mentali fraġili tiegħu. Dewmien fil-proċeduri toħloq fil-persuna akkużata inċertezza dwar jekk huwiex ser jinstab ħati jew innoċenti u x'ser isir minnu fil-futur. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li sal-2000 ir-rikorrent kien kuntistabbli tal-pulizija u allura ma jonqosx illi kien ikun imbarazzat jitla' għas-seduti fil-preżenza tal-pulizija sħabu.

Kif intqal proprju fil-każ ta' David Marinelli vs Avukat Ġenerali et, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju 2008:

> "*Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-libertà jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m`ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali.*"

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti hija sodisfatta li kien hemm dewmien irraġjonevoli sabiex ġew konklużi l-proċeduri b'mod illi ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif protett bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjonali u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

## Rimedju

Bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet tiegħu, ir-rikorrrent qiegħed jitlob kumpens pekunjarju u non pekunjarju. Jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultattiv għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' f'xi każijiet isservi bħala rimedju. Minn naha l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens, dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali.

Kif proprju ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' Gasan Enterprises Limited vs Awtorità tal-Ippjanar, deċiż fit-3 ta' Frar 2009:

> "*Kawza kostituzzjonali ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali m'ghandhiex tigi konvertita f'kawza ghal danni akwiljani. Meta jigi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju ghandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza jew il-valur*

*tal-proprjeta in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawza."*

Fil-kawża ta' Raymond Urry et vs Avukat Ġenerali, tas-27 ta' Frar 2015, il-Qorti Kostituzzjonali qieset li sabiex tasal għal ammont ta' kumpens ġust u li jkun jirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti għandha tikkonsidra, il-fatturi segwenti:

*"a. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv; b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti; c. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjetà li d-dewmien necessarjament iggenera f'persuna akkuzata; d. in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom; e. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri."*

Rilevanti wkoll is-sentenza mogħtija reċentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet Patrick Falzon vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, fejn intqal hekk:

*"Fis-sentenza ta' din il-Qorti aktar ricenti fl-ismijiet Victor Buttigieg v. Avukat Generali moghtija fis-26 ta' Jannar 2018, il-kumpens moghti ghal dewmien irragonevoli kien ta' €7,000 wara li gie kostatat li kull kaz kellu c-cirkostanzi partikolari tieghu li dawn ghandhom jigu meqjusa fil-likwidazzjoni tal-kumpens:*

*"Din il-Qorti fil-fatt taqbel illi l-kwantum tal-kumpens għandu jiġi kkalkulat wara li l-Qorti tkun ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-kumpens ma jiġix likwidat fl-astratt, abbażi biss tan-numru ta' snin li tkun twalet il-kawża. U għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tara x'kumpens ingħata f'kawżi oħra abbażi biss tas-snin u tapplika valur simili.""*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob kumpens fil-forma ta' danni reali għaliex jikkontendi li fis-sena 2000 tkeċċa mill-korp minħabba l-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu. Madanakollu, mill-atti jirriżulta li dan mhuwiex minnu peress li

fil-fatt tkeċċa għal raġunijiet ta' interess pubbliku wara li l-pulizija irċeviet diversi lmenti dwaru mingħand persuni li kien issellef il-flus mingħandhom fuq l-idejn u baqa' qatt ma ħallashom lura. Meta seħħet is-serqa li dwarha ttieħdu proċeduri kriminali kontrih, ir-rikorrent kien għadu Health Assistant, u kien biss f'Diċembru tal-1989 li ġie ngaġġat bħala kuntistabbli. Minn dakinhar li ġie hekk ingaġġat sal-aħħar ġurnata tiegħu fil-korp, huwa tħallas is-salarju sħiħ mingħajr l-ebda tnaqqis. Isegwi għalhekk illi ma ġiex muri li r-rikorrent sofra xi danni reali minħabba d-dewmien fil-proċeduri in kwistjoni.

Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata u oħrajn, kif ukoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rimedju idoneju għal-leżjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent huwa li jingħata kumpens ta' ħamest elef Ewro (€5,000) bħala danni non pekunjarji.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

2. Riferibbilment għat-tieni, tielet u raba' talba, tillikwida kumpens fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) in linea ta' kumpens non-pekunjarju għall-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif intqal u tordna lill-intimat Avukat Ġenerali jħallas dan il-kumpens hekk likwidat lir-rikorrent.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

IMHALLEF

DEP/REG